**21. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi:**

BILLI skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-kariga ta' President tar-Repubblika hija vakanti;

U BILLI s-subartikolu (1) tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jipprovdi li għandu jkun hemm President ta' Malta li jiġi maħtur b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

GĦALHEKK il-Kamra tad- Deputati, bis-saħħa u għall-għanijiet tal-imsemmi artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tirrisolvi li taħtar lill Dr Anton Buttigieg B.A., LL.D, President ta' Malta.

22.12.1976